25 ta' Frar, 1946.

Imħallfin :

Is-S.T.O. Sir George Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *Pres.*
L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D.
L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D.

Michele Bugeja *versus* Maria Vella et.

**Promessa ta' Bejgħ — Azzjoni Pawljana — Danni — Spejjeż Ġudizzjarji — Art. 1187 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Il-promessa ta' bejgħ iġġib da parti tal-promittent l-obbligazzjoni li jeffettwa l-bejgħ; u jekk dana ma jkunx jista' jsir aktar, il-promittent għandu jirriżarċixxi d-danni lill-aċċettant.*

*F'każ bħal dan l-azzjoni pawljana mhix applikabili, għaliex din l-azzjoni tirrikjedi bħala wieħed mill-elementi tagħha illi n-negozju li jkun sar jirrendi lid-debitur insolventi jew aktar insolventi minn qabel, mentri f'każ bħal dan l-azzjoni mhix bażata fuq id-dekozzjoni tad-debitur, imma hija diretta biex id-debitur jiġi mġiegħel jadempixxi l-obbligazzjoni tal-bejgħ minnu assunta, fejn l-insolvenza tad-debitur ma hix presupposta mill-attur.*

*L-ispejjeż kaġunati b'domanda simili ma jidħlux fid-danni li d-debitur huwa obbligat jirriżarċixxi minħabba l-inadempjenza tiegħu; u għalhekk għandu jbatihom l-attur.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni ta' l-attur quddiem il-Prima Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tiegħu r-Re, fejn ippremetta illi l-konvenut Vella, għan-nom u bħala mandatarju ta' martu, b'kirografu tas-7 ta' Jannar 1945 (dok. A) obbliga ruħu li jbiegħlu bil-prezz ta £1000 d-dar f'Marsaxlokk, Marina Wharf, numri 36 u 37, u l-għalqa ta' warajha, li għandha aċċess minn Strada San Pio V; u li b'kuntratt in atti Carmelo

Vella tal-25 ta' Jannar 1945 l-istess fondi gew mibjugħa lill-konvenut Carabott; u li dan sar b'kollużjoni bejn il-konvenuti u għad-dannu tad-drittijiet u ta' l-interessi tiegħu; u talab, previja f'każ ta' bżonn id-dikjarazzjoni li fil-kirografu fuq imsemmi l-konvenut Vella kien il-mandatarju ta' martu, li jiġi rexiss u riżolut il-kuntratt fuq indikat, a kawża ta' l-imsemmija kollużjoni u frode bejn il-konvenuti għad-dannu tad-drittijiet tiegħu; u l-konvenuta tiġi in segwitu kundannata tbiegħ u tittrasferixxi lilu l-istess beni fuq indikati bil-prazz ta' £1000, b'kuntratt li jiġi publikat minn nutar li jiġi nominat b'din is-sentenza, bl-intervent ta' kuraturi li jiġu nominati għar-rappreżentanza tal-konvenuta jekk kontumaċi; bl-ispejjeż; u subordinatament, u fil-każ li t-talba premessa ma tiġix milqugħa, jiġi dikjarat illi a kawża tal-mala fede u atti frawdolenti tal-konvenut Alfredo Vella, dana huwa responsabili tad-danni lilu (lill-attur) kaġunati, likwidabili f'kawża oħra, u l-istess konvenut Vella jiġi kundannat iħallas l-ispejjeż tal-kawża bħala parti minn dawk id-danni;

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-Maestà Tiegħu r-Re fl-20 ta' Novembru 1945, fejn ċaħdet l-ewwel talba ta' l-attur bl-ispejjeż kontra tiegħu, u ddikjarat il-konvenut Alfredo Vella responsabili tad-danni li l-attur jista' jipprova li sofra minħabba n-nuqqas ta' l-akkwist tal-fond, likwidabili f'ġudizzju separat, bl-ispejjeż kontra l-konvenut Alfredo Vella; wara li kkunsidrat;

Illi dak li għamel Alfredo Vella għamlu bil-kuntentezza u għalhekk bħala mandatarju ta' martu, li kienet taf b'kollox, għaliex mhux aċċettabili dak li tgħid din, li hija opponiet ruħha għal dak il-bejgħ ta' £1000..............; illi però dik il-kollużjoni bejn il-konvenuti Vella u l-konvenut Carabott ma tirriżultax biex jiffrodaw lill-attur; illi Carabott kien jaf bil-ftehim ma' l-attur; illi dana però ma jwassalx għar-rexissjoni tal-bejgħ li sar lil Carabott, għaliex għall-każ mhix applikabili l-azzjoni pawljana, u għalhekk l-ewwel talba ma tistax tiġi milqugħa;

Illi l-promessa tal-bejgħ iġġib da parti tal-promittent l-

obligazzjoni li jeffettwa l-bejgħ, u jekk dan ma jistax jiġi aktar effettwat, il-promittent għandu jirriżarċixxi d-danni lill-aċċettant; illi però t-tieni talba mhijiex diretta biex il-promittent jiġi dikjarat responsabili tad-danni billi l-bejgħ ma jistax *jiġi aktar effettwat, u għalhekk biex jirriżarċixxi* dawk id-danni, imma li l-konvenut Alfredo Vella jkun dikjarat responsabili ta' dawk id-danni li huwa sofra billi tilef l-akkwist tal-fond għall-kawża ta' mala fede u atti frawdolenti ta' l-istess Vella; illi jekk l-attur sofra xi danni, dan ġie anki kaġunat mill-konvenut Alfredo Vella xjentement u għalhekk it-tieni talba għandha tiġi milqugħa;

Rat in-nota ta' l-appell ta' l-attur u l-petizzjoni tiegħu fejn talab illi dik is-sentenza tiġi riformata billi tiġi konfermata fil-meritu u in kwantu għall-ispejjeż tat-tieni parti, u revokat il-kap fejn akkollat lill-appellant il-kap ta' l-ispejjeż ta' l-ewwel talba, u jiġi deċiż li dawn l-ispejjeż ikunu kontra l-konvenut li ġieb dawn id-danni bil-mala fede;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Illi l-appell parzjali huwa ristrett għall-kap ta' l-ispejjeż ta' l-ewwel talba, għax l-appellanti jippretendi illi dawk l-ispejjeż kellu jħallashom il-konvenut Alfredo Vella bħala danni. Iżda dan il-gravam huwa mingħajr fundament ġuridiku, għaliex, kif tajjeb irriteniet l-Ewwel Qorti, l-azzjoni pawljana hija inapplikabili għal każ bħal dan. Infatti hija ħaġa notorja illi l-azzjoni pawljana hjia mogħtija għal dawk il-kredituri illi peress li ma jkunux jistgħu jitħallsu mill-patrimonju tad-debitur tagħhom, minħabba xi negozju li huwa għamel in frode tad-drittijiet tagħhom, huma jaġixxu biex dak in-negozju jkun rexiss fl-interessi tagħhom; iżda huma dejjem iridu jippruvaw f'din l-azzjoni illi dak n-negozju li huma qegħdin jattakkaw per mezz ta' l-azzjoni pawljana, irrenda insolventi d-debitur tagħhom jew iżjed insolventi minn qabel; dan huwa l-fundament u element essenzjali għal din l-azzjoni. Infatti l-Cattaneo e Borda, fil-kumment tiegħu fuq l-art. 1235 tal-Kodiċi Ċivili Taljan, li huwa analogu għall-art. 1187 tal-Kodiċi Ċivili tagħna, jgħid hekk :— "Onde un atto possa es-

sere *considerato come* fatto in frode dei diritti dei creditori, bisogna avanti tutto che arrechi pregiudizio o danno ai loro *interessi*, ed intacchi la solvibilità del debitore tanto con diminuire il *suo patrimonio quanto trascurando d'accrescerlo o* sottraendo alle stanze giuridiche dei creditori stessi tutto o parte dei suoi beni.............." (nrn. 3); u l-istess awtur finnota 5 jgħid ukoll :— "L'azione pauliana non è che una azione sussidjarja fondata sull'insolvibilità del *debitore*, ed il cui esperimento presuppone la decozione o la non-solvibilità del debitore, od il suo *fallimento*. Anche il diritto romano così disponeva, come dalle citate Leg. 1 e 5, Cod. "de revoc. his quae *in fraudem*", e la sua disposizione deve seguirsi sotto il Codice, quale *fondata* sulla natura stessa dell'*azione* predetta: conseguentemente il terzo convenuto può di regola opporre l'eccezione di escussione del debitore" (ara wkoll Zachariae, tom. 1, § 313; Delvincourt, tom. II, pag. 376; Touillier, tomo VI, no. 344; Proudhon, tomo V, no. 2400; Duranton, t. VI, pag. 201; Sirey, T. XXXVI, p. 346). Konkordement ma' din id-dottrina l-liġi tagħna tgħid espressament illi l-konvenut għandu dritt għall-eċċezzjoni ta' l-eskussjoni;

Tikkunsidra;

Illi dan il-każ m'huwiex bażat fuq l-insolvenza tad-debitur biex l-attur, jekk huwa kreditur, jesperixxi d-drittijiet tiegħu; iżda l-attur irid illi peress li kien hemm ftehim ta' bejgħ tal-post in kwistjoni, kien imissu ġie mibjugħ lilu, il-bejgħ li sar lil ħadd ieħor għandu jkun rexiss biex huwa jkun jista' jieħu l-post. azzjoni li għaliha hija assolutament inapplikabili l-azzjoni pawljana, għaliex id-dekozzjoni tad-debitur ma hijiex presupposta mill-attur, u għalhekk taqa' dik l-azzjoni;

Għalhekk l-Ewwel Qorti għamlet tajjeb meta kkundannat lill-attur iħallas l-ispejjeż ta' l-ewwel talba;

Għal dawn ir-raġunijiet u għal dawk ta' l-Ewwel Qorti sa fejn huma kompatibili;

Tirrespinġi l-appell ta' l-attur, u għalhekk fil-kap devolut f'dan l-appell tikkonferma s-sentenza mogħtija mill-Prima Awla tal-Qorti Ċivili fl-20 ta' Novembru 1945; bl-ispejjeż ta' dan l-appell kontra l-attur appellant.